MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 489/2009

**W. Gees Chemicals Limited C12057 M 12, Bone Alley, Industrial Estate Mriehel**

**vs**

**Glafkos Andreou f'ismu proprio u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` TSEL Company Limited 22 Ajax Street, 1082 Ayioi Omologites Nicosia Cyprus**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih is-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi ghall-habta ta' Jannar ta' din is-sena s-socjeta` attrici kienet ordnat konsenja ta' birra u minerali minghand il-konvenuti u dana ghall-prezz pattwit ta' € 24,548.76 bil-

ftehim ikun illi dan l-ammont jithallas lill-konvenuti u din wara li tirceivi l-ammont tibghat il-merkanzija ordnata bil-bahar bil-konsenja tasal Malta fi zmien sebat ijiem wara d-data tal-pagament;

Illi l-pagament miftiehem gie mhallas mis-socjeta` attrici lill-konvenuti permezz ta’ trasferiment bankarju li sar mill-Bank tas-socjeta` HSBC Bank Malta plc bi swift transfer u dana fis-6 ta’ Frar, 2009 skond kif jidher fid-dokument A;

Illi wara li ghaddew diversi gimghat u il-merkanzija baqghet qatt ma waslet Malta d-diretturi tas-socjeta` attrici talbu spjegazzjoni ghal dan id-dewmien lil dik konvenuta li bdiet tivvinta skuza wara ohra biex tipprova tiggustifika n-nuqqas taghha pero; wara li ghaddew xhur infurmat lis-socjeta` attrici li ma kienx irnexxilha tottjeni l-merkanizja ordnata filwaqt li ppromettiet li tirritrona l-flus lilha mhallsa indebitament;

Illi meta reghha ghadda z-zmien u l-flus baqghu ma gewx irritornati u wara insistenza ta’ kuljum da parti tad-diretturi tas-socjeta` attrici, il-konvenuti bdew jallegaw illi l-flus kienu hallsuhom lura permezz ta’ trasferiment mill-Bank taghha gewwa Cipru lil Bank tas-socjeta` attrici u sahansitra baghtu dokument bankarju bhala evidenza tat-trasferiment tal-flus liema dokument wara rrizulta li kien falz;

Illi meta rat hekk is-socjeta` attrici kienet qabdet lill-legali taghha biex jikteb formalment lill-konvenuti, biex dawn jonoraw l-obbligi minnhom assunti fejn saret ukoll intiza li jekk il-flus ma jaslux kien ser jintalab l-intervent tat-Taqsima tal-Interpol tal-Pulizija ta’ Malta kif ukoll illi jsir rapport lill-Ambaxxata ta’ Cipru u lic-Chamber of Commerce ta’ Cipru kif fil-fatt sar;

Illi bhala konsegwenza ta’ dina l-ittra l-konvenuti rrispondew lill-legali tas-socjeta` attrici fejn regghaw ppromettew li kienu ser jhallsu lura dawn il-flus u sahansitra talbu lill-Ambaxxata Cipriotta tikkonferma kemm mal-konvenuti kif ukoll mal-legali taghha illi s-socjeta` konvenuta kienet wahda tal-affari taghha u li

kienet ser thallas l-ammont dovut u d-dewmien tal-pagament kien biss dovut minhabba l-Bank Holidays taz-zmien tal-Ghid u li l-flus kellhom jaslu Malta mhux iktar tard mit-30 ta' April, 2009; dan gie anke kkonfermat mill-Ambaxxata ta' Cipru kemm bil-miktub u kemm permezz ta' telefonati;

B'danakollu baqgha jghaddi z-zmien u l-pagament baqa' ma sarx u ghalhekk is-socjeta` attrici ma kellhiex triq ohra hlief li tistitwixxi dawn il-proceduri;

Illi l-ammont fuq imsemmi huwa wiehed cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenuti jew min minnhom m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jissollevaw ghat-talbiet taghha;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tghid illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-socjeta` attrici fis-somma fuq indikata ta' € 24,548.76 erba' u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu;
2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jhallsuha l-imsemmija somma ta' €24,548.76 erba' u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Frar, 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghall-konvenuti.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------